# terexa

Rivista Enċiklopedika ta' Spiritwalità

Maħruġa mill-Familja Karmelitana Tereżjana

Jannar - Marzu 2009
Sena 6 Ħarġa 1

# tereża

Rivista Enċiklopedika ta' Spiritwalità

TERESA hija r-rivista għal kulmin, imqanqal minn Alla, irid jimxi 'l quddiem fil-ħajja b'mod sħiħ, billi jirrealizza l-pjan divin għall-ħbiberija fil-qdusija u s-servizz tal-aħwa. Dan kif wettqitu Tereża ta' Ġesù, mituħa kif kienet għal Alla u l-bnedmin kollha ta' żmienha, b'fedeltà sħiħa fil-Knisja


Kunvent Santa Tereża tal-Bambin Ġesù
Triq il-Wied, B'Kara BKR 9010
Tel: 2144 2858   Fax: 2144 5854
**E-mail: avvella@gmail.com**

**Koordinazzjoni:**
Wistin Vella ocd

**Kumitat Editorjali**
Juan De Bono ocd, Adrian Attard ocd, Rev. Nicholas Cachia, Joe Camilleri sdc

**Abbonament u Amministrazzjoni**
Manwel Aquilina ocds, Rivista 'Teresa'
Kunvent S. Tereża tal-Bambin Ġesù, Triq il-Wied, B'Kara BKR 9010

**Qari tal-Provi**
Carmel Mallia ocds

Disinn tal-qoxra: Robert M. Grech ocd
Produzzjoni u Stampar
Bonnici's Press - Valletta
Distribuzzjoni: Mary Rose Said ocds


## F'din il-ħarġa

---

Ħarġa 1
*Il-bniedem fl-Iskrittura. Antropoloġija u mistika Nisranija*


Daħla: L-armonija fil-bniedem sħiħ
*Wistin Vella ocd* 5

Il-bniedem f'San Pawl 7
*Fr Paul Sciberras*

Il-ġisem hu l-ħabs tar-ruħ? 19
*Fr Mark Sultana*

'Dak hu int!' - il-JIEN skont il-Filosofija Perenni 27
*Joe Camilleri sdc*

Marija mnissla mingħajr tebgħa: 35
Esperjenza ta' ġmiel fl-edukazzjoni tal-mara
*Adrian Attard ocd*

It-Teoloġija tal-Ġisem fit-tagħlim ta' Papa Wojtyla 43
*Wistin Vella ocd*

Thérèse ta' Lisieux: Teologu tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù 55
*François-Marie Léthel ocd*

jew ma jimxix fit-triq tas-sewwa u t-tjubija fl-imġiba kollha tiegħu.

Dan kollu joħroġ mill-aħjar tax-xjenza u l-filosofija denja tal-isem. Joħroġ ukoll mit-teoloġija li hija l-interpretazzjoni raġunata tal-Kelma li tirrivela ruħha u tal-ġrajjiet marbuta mas-'salvazzjoni' tal-bniedem.

Għax, tabilħaqq, ir-rivelazzjoni u l-veritajiet tal-fidi li jagħmlu l-binja tad-duttrina Kattolika Nisranija jsaħħu dan kollu. Il-fidi qatt ma tmur kontra x-xjenza. Ix-xjenza dejjem issib sieħba ġenjali fil-fidi.

Tul l-istorja ħafna drabi l-armonija fil-verità ma nstabitx f'salt. Għax bejn interpretazzjonijiet xejn eżatti, preġudizzji u piki ġieli seħħu firdiet jew xiżmi (bi knejjes separati); u b'ħasra kbira, irid jingħad, ġieli xtered id-demm u saru nawfraġji koroh tal-verità sħiħa u x-xhieda safja Nisranija bi skandlu u tmaqdir ta' min mhux Nisrani!

Illum tgħallimna ħafna mill-iżbalji tal-imgħoddi. Ħafna u ħafna fostna jqisu l-affarijiet kif tassew huma b'rispett lejhom u lejn l-intelliġenza, tiġi minn fejn tiġi, li tipprova tifhimhom.

Għalhekk il-qagħda feliċi ta' djalogu li b'tama ta' għaqda teżisti bejn entitajiet li dari qatt ma ltaqgħu ħlief biex iħaqquha bejniethom. Bosta drabi dawn fdaw fl-armi ħorox u qerrieda fuq il-kampijiet ta' ġlied imdemmi u bla sens biex waslu *willy nilly* għal xi għamla ta' ftehim.

Nagħti eżempju wieħed ta' djalogu. Min qatt kien jobsor li jinħoloq djalogu bejn rappreżentanti għolja Nsara u l-Musulmani tal-akbar reliġjonijiet tad-dinja! U dan b'ironija beda jiċċaqlaq sewwa ma' diskors akkademiku, li bosta ħassewh kontroversjali, meta jidher li kien maħsub biex jipprovoka u fl-istess waqt jistieden għal djalogu oġġettiv. Qiegħed nifhem għal-*lecture* li ta l-Papa Benedittu XVI fl-Università ta' Regensburg fil-Ġermanja fit-12 ta' Settembru 2006.

Jekk Alla jrid din is-sena, ir-rivista *Teresa* se tkun tistħarreġ l-armonija fil-bniedem sħiħ, magħmul minn ġisem bir-ruħ. Huwa twemminna, u msaħħaħ mill-aħjar tax-xjenzi teoloġiċi u psikoloġiċi, li ġisem u ruħ iridu jiltaqgħu biex flimkien u permezz ta' xulxin iwettqu l-pjan tal-Ħallieq għall-għan ta' tisħib f'komunjoni ma' Alla Trinità. Xtaqna nagħtu kwadru wiesgħa u realistiku daqskemm hu miftuħ għas-sitwazzjonijiet li jinsab fihom il-bniedem tal-lum. Għalhekk f'din il-ħarġa mill-ewwel se nagħtu kwadru wiesgħa ta' x'ġej tul is-sena kollha. Mill-filosofija sal-mistika. Waqt li kull artiklu hu unità fih innifsu, iżda jinftiehem aħjar meta jinqraw l-artikli kollha.

# Il-bniedem fl-*Ittri* ta' San Pawl

*Fr Paul Sciberras*
*Lecturer* tat-Testment il-Ġdid fl-Università ta' Malta

***Il-ġisem huwa r-realtà tal-bniedem f'din id-dinja: limitat, dgħajjef, li jmut.***
***Ir-ruħ huwa l-bniedem li kapaċi jintrefa' 'l fuq mill-bqija tal-ħolqien bil-fakultajiet superjuri tiegħu.***
***L-ispirtu huwa l-bniedem li kapaċi jintrefa' lejn Alla, anke jekk jibqa' bniedem tad-demm u l-laħam.***

## Introduzzjoni: il-perspettiva Lhudija ta' Pawlu

Kull darba li San Pawl jitkellem fuqu nnifsu ma jħalli l-ebda ħjiel ta' dubju li ma hux kuntent bih innifsu jew li qatt jixtieq li mhuwiex Lhudi. Imma dettalji fuq ħajtu bħala Lhudi jifthulna tieqa mhux biss fuq it-trobbija, l-edukazzjoni, ir-reliġjon u l-ħajja soċjali tiegħu, imma rridu nagħtu kashom ħafna anke għall-mod ta' ħsieb tiegħu. Li fl-*Ittra lill-Filippin* jikteb li: "ta' tmint ijiem għamluli ċ-ċirkonċiżjoni, twelidt fil-poplu ta' Iżrael, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi; biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja; għal dik li hi ġustizzja tal-Liġi, ħadd ma sata' jgħid xejn fija (3, 5-6),[1] ifisser li l-perspettiva tiegħu fuq il-ħajja kien jaqraha minn għajnejn Lhud u tax-xeħta Fariżajka. Terġa', Luqa nnifsu, li kiteb l-*Atti tal-Appostli*, ikompli jagħtina aktar ħjiel fuq il-ħajja Lhudija ta' Pawlu, u l-mod kif kien iffurmat fil-ħsieb u r-reliġjon Lhudija. "Jiena Lhudi; twelidt f'Tarsu taċ-Ċiliċja, imma trabbejt f'din il-belt f'riġlejn Gamaljel u tħarriġt bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi ta' missirijietna;

[1] Ara Michael J. Gorman, *Apostle of the Crucified Lord. A theological introduction to Paul and his letters*, Eerdmans: Grand Rapids/MI, 2004, pp. 442-443; Calvin Roetzel, *Paul: the man and the myth*, T&T Clark: Edinburgh 1997, pp. 8-43; Jerome Murphy O'Connor, *Paul. His story*. Oxford University Press: Oxford 2004, pp. 22-23.
[2] Murphy O'Connor, *Paul*, pp. 1-19.

qaddis, ġust u tajjeb" (*Rum* 7, 12). Fl-istess waqt jgħid li anke jekk il-Liġi, don ta' Alla, hija "spiritwali, imma jien tad-demm u l-laħam mibjugħ lid-dnub" (*Rum* 7, 14). Konferma ta' din l-impotenza tal-bniedem toħroġ mill-fatt tal-ħajja ta' kuljum li l-bniedem ma hux kapaċi jagħmel it-tajjeb li jaf u jixtieq iwettaq: "Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb mhux hemm. M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx. Jekk jien nagħmel sewwasew dak li ma rridx, mhux jien mela qiegħed nagħmlu iżda d-dnub li hemm jgħammar fija. Inħoss din il-liġi ġewwa fija: meta rrid nagħmel it-tajjeb, ifeġġ quddiemi l-ħażin" (*Rum* 7, 18-21). Minħabba f'hekk, Pawlu jqis lill-bniedem bħala li ma jistax jeħles waħdu mill-ħakma tad-dnub u jistaqsi: "Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?" (*Rum* 7, 25). It-tweġiba għall-mistoqsija retorika tiegħu stess jagħtiha b'aktar qawwa f'talba: "Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna!" (v. 25). Il-kundizzjoni tal-bniedem, maqlugħ mill-ħajja tal-grazzja minħabba d-dnub, hija purament ipotetika, maħluqa minn Pawlu, biex joħroġ b'aktar qawwa l-messaġġ li jrid iwassal. Pawlu jrid li ma jibqa' l-ebda dubju f'moħħ ħadd li l-Liġi hija għal kollox bla saħħa f'sitwazzjoni storika maħkuma mid-dnub. Din is-sitwazzjoni hija issa megħluba mill-inizjattiva ta' Alla nnifsu permezz ta' Ibnu Ġesù, li warrab għal kollox id-dnub u għamel possibbli dak li l-Liġi qatt ma setgħet twettaq: li ġġib ġustizzja sħiħa permezz tad-don tal-Ispirtu s-Santu li jwassal il-qawwa tal-imħabba lill-bnedmin: "Mela issa ma hemm ebda kundanna għal dawk li jgħixu fl-għaqda ma' Kristu Ġesù. Għax il-liġi tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u tal-mewt. Għax dak li ma felħitx tagħmel il-Liġi, għax kienet bla saħħa minħabba l-ġisem, għamlu Alla meta bagħat 'l Ibnu stess f'sura ta' ġisem tad-dnub, bħala vittma għad-dnub. B'hekk ikkundanna d-dnub fil-ġisem, biex dak li b'ġustizzja titlob il-Liġi jseħħ fina li ngħixu, imma skont l-Ispirtu u mhux skont il-Ġisem" (*Rum* 8, 1-4).

Argument li jixbah ħafna lil dan li Pawlu jġib fl-*Ittra lir-Rumani* nsibuh mill-ġdid f'*2Kor* 3, 1-7: "l-ittra tal-Liġi" tikkundanna għall-mewt lil min jiksirha; l-Ispirtu tal-Patt il-Ġdid, don ġewwieni mogħti b'xejn minn Alla lil dawk li jemmnu, jagħmilhom kapaċi li jwettqu l-ġustizzja tiegħu biex ikollhom il-ħajja.

## Ħolqien ġdid

Din il-bidla radikali fl-istorja tas-salvazzjoni, li tagħha jagħmlu esperjenza dawk l-imgħammdin li jemmnu f'Ġesù Kristu, tista' tiġi mqabbla ma' "ħolqien ġdid".[28] L-ewwel darba li jużaha Pawlu huwa fl-aħħar tal-*Ittra lill-Galatin*, qisu bħala l-firma tiegħu għall-ittra. Lill-missjunarji Insara-Lhud li riedu jimponu ċ-ċirkonċiżjoni fuq l-Insara ġejjin mill-pagani,

[28] Ara Moyer V. Hubbard, *New creation in Paul's Letters and thought*, Cambridge University Press: Cambridge 2002, pp. 23-25.



Pawlu jqegħdilhom l-għażla tiegħu: "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja" (*Gal* 6, 14). Quddiem il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, li bih inawgura dan il-ħolqien ġdid, l-ebda tiftix għal u ġiri wara l-unuri tal-bnedmin ma jagħmel sens. Il-mewt ta' Ġesù twaqqa' kull pika jew distinzjoni msejsa fuq razza jew reliġjon, "Għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief il-ħolqien ġdid" (*Gal* 6, 15).

Jerġa' juża din il-frażi fit-*Tieni Ittra lill-Korintin*, fid-dibattitu dwar ir-raġunijiet fundamentali tal-missjoni tiegħu bħala appostlu. Dak li lilu donnu jimbuttah il-ħin kollu bħallikieku kien xi forza li ma seta' qatt jirreżistiha biex jistinka għat-tħabbir tal-Evanġelju lil kulħadd kienet l-imħabba ta' Ġesù Kristu li miet għal kulħadd: "biex dawk li jgħixu ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom" (*2Kor* 5, 15). Quddiem din il-ħtieġa li ħarġet mis-salib ta' Kristu għall-bnedmin kollha, Pawlu jagħmel l-għażliet tiegħu u jiddeċiedi li jgħix ir-relazzjoni tiegħu ma' Kristu, inkluża dik li jsir jaf dejjem iżjed lil Kristu Ġesù. Jerġa' jiġbor fi ftit kliem il-pożizzjoni tiegħu, pożizzjoni li tgħodd għal dawk kollha li jemmnu: "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid" (*2Kor* 5, 17). Huwa dak ukoll li kien qal Isaija l-Profeta: "Il-qadim għadda, biex daħal il-ġdid" (43, 18).

Fl-Ittri ta' tradizzjoni Pawlina, l-antitesi bejn "il-bniedem il-qadim" u "l-bniedem il-ġdid" terġa' tissemma fil-kuntest tal-katekeżi tal-Magħmudija. L-imgħammdin huma mistiedna jwettqu stil ta' ħajja li taqbel mal-għażla tal-Magħmudija, li fiha huma neżgħu l-bniedem il-qadim bl-azzjonijiet tiegħu u libsu l-bniedem il-ġdid, "li jiġġedded dejjem skont ix-xbiha ta' min ħalqu u jikber fl-għerf" (*Kol* 3, 10). Fl-istess kuntest Pawlu jerġa' jfakkar li l-firdiet ta' tip etniċi, ta' razza, soċjali u reliġjużi ġew megħluba: "Fih ma hemmx Grieg jew Lhudi, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, ilsir jew ħieles, iżda Kristu f'kollox u f'kulħadd" (*Kol* 3, 11).[29]

Is-suġġett tal-"bniedem il-ġdid" jissemma fl-*Ittra lill-Efesin* l-ewwelnett fil-prespettiva ekkleżjali, u mbagħad fil-kuntest tal-katekeżi tal-Magħmudija. L-għaqda bejn Lhud u pagani fil-Knisja hija l-mudell tal-umanità l-ġdida rikonċiljata u paċifikata.[30] Din il-komunità-umanità għandha s-sies definittiv tagħha fil-mewt fuq is-salib ta' Ġesù, li ġarraf il-ħajt li kien jifred lill-bnedmin bejniethom u xejjen in-nuqqas ta' ħbiberija: "Mit-tnejn, ried b'hekk joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-Ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom" (*Ef* 2, 15). Fit-tieni parti tal-*Ittra* l-awtur iħeġġeġ lill-imgħammdin biex jiġġeddu minn ġewwa u biex "jilbsu l-bniedem il-ġdid maħluq skont Alla fil-ġustizzja u l-qdusija

[29] Dwar dawn il-versi, ta' min isemmi l-istudju eseġetiku ta' Jean-Noël Aletti, *Lettera ai Colossesi* (= Scritti delle origini cristiane 12), Edizioni Dehoniane Bologna: Bologna 1994, pp. 195-199.

[30] Ara Stefano Romanello, *Lettera agli Efesini* (= I libri Biblici. *Nuovo Testamento* 10), Paoline: Milan 2003, pp. 88-107.

tassew" (*ib.*, 4, 24). Il-bniedem il-ġdid huwa dak maħluq fi Kristu Ġesù u li fih isib il-mudell tiegħu.

Bħal fit-TQ, San Pawl jimxi fuq il-prinċipju li l-bniedem huwa persuna sħiħa, għaqda ħolistika ta' diversi "membri". Il-persuna hija *integrated whole*, għaqda ta' partijiet differenti għal kollox minn xulxin imma li jikkontribwixxu biex il-bniedem ikun ħaġa sħiħa.

## Kif inhu ffurmat il-bniedem

**Il-qalb** (bil-Grieg *kardía*[21]) hija ċ-ċentru li jgħaqqad il-fakultajiet differenti tal-bniedem tas-sens (razzjonalità), tal-emozzjonijiet (emottività), u tar-rieda (deċiżjoni). Il-qalb hija ċ-ċentru tal-bniedem sħiħ. Hemm testi li fihom San Pawl isemmi xi parti waħda biss minn dawn il-funzjonijiet imma li bihom ma jridx jifred lill-bniedem fih innifsu. Li jagħmel hu li jieħu dik il-parti bħala rappreżentanta tal-unità sħiħa tal-bniedem.

Ngħidu aħna: *Ef* 1, 17-18 – "ħalli Alla ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Missier tal-glorja, jagħtikom spirtu ta' għerf li jirrivelahielkom biex tagħrfuha sewwa; u *jdawwlilkom l-għajnejn ta' qalbkom* biex tagħrfu x'inhi t-tama tas-sejħa tagħkom: x'inhu l-għana tal-glorja tal-wirt li takom taqsmu mal-qaddisin".

Mela skont San Pawl, il-qalb (anzi l-għajnejn tal-qalb) tista' tiddawwal, tingħata għerf partikulari. B'dan irid jirreferi għall-bniedem sħiħ.

*2Kor* 2, 3-4 – "Jien ktibtilkom dan biex, meta niġi għandkom, ma jkollix *swied ta' qalb* minħabba dawk li għandi nifraħ bihom. Jien għandi fehma sħiħa li l-ferħ tiegħi hu l-ferħ tagħkom ilkoll. Iva, jiena ktibtilkom *b'għafsa ta' qalb* u bid-dmugħ, mhux biex insewdilkom qalbkom, iżda biex ingagħalkom tifhmu l-imħabba bla tarf li għandi għalikom".

In-niket, id-djieqa jinħassu fil-qalb, imma fil-fatt huma sentimenti tal-bniedem sħiħ.

*Rum* 6, 17-18 – "niżżu ħajr lil Alla: intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa *obdejtu minn qalbkom* dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu;[18] infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizzja".

L-ubbidjenza, li titlob ħafna rieda u determinazzjoni, toħroġ mill-qalb, skont San Pawl, imma fil-fatt hija deċiżjoni tal-bniedem sħiħ.

**Il-ġisem** (*soma*) jfisser il-persuna fir-realtà tagħha limitata u dgħajfa, fl-aqwa ta' din id-dgħjufija fil-mewt, kif qiegħda tgħix fid-dinja. Mela li noffru ġisimna bħala sagrifiċċju (*Rum* 12, 1), li noffru l-membri ta' ġisimna (*Rum* 6, 13. 19) lil Alla jfisser noffru lilna nfusna. Huwa għaliex il-persuna għandha ġisem (jew aħjar, hija ġisem) li tista' tgħix fid-dinja, ikollha relazzjonijiet mal-bnedmin l-oħra u ma' Alla. Imma *soma* fil-ħsieb ta'

[21] Għal dawn l-elementi li jiffurmaw il-bniedem, ara DUNN, *The Theology of Paul the Apostle*, pp. 55-78.



San Pawl għandha bżonn ir-rieda u d-deċiżjoni (il-fakultajiet superjuri) biex tagħmel dan. Jiġifieri *soma* propjament ma tiġborx fiha wkoll dawn il-fakultajiet superjuri.

***Sarks*** – ukoll jindika l-persuna umana kollha, jew anke l-umanità kollha, imma f'ċerti aspetti tal-ħajja tagħha fid-dinja. Huwa l-bniedem

1) maħluq, limitat u dgħajjef ("tad-demm u l-laħam" – *Gal* 1, 16; *Rum* 6, 19);

2) immexxi minn regoli umani ("mhux ħafna huma għarfa skont il-ġisem" – *1Kor* 1, 26);

3) li ġej min-nisel/familja fiżika ("Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David" - *Rum* 1, 3; 4, 1; 9, 3); u

4) li għandu relazzjoni kemm mal-bnedmin u kemm ma' Alla ("ilqgħu (lil Oneżimu) mhux iktar bħala lsir, imma xi ħaġa aktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż: għażiż fuq kollox għalija, imma kemm aktar għalik, skont id-dinja u skont il-Mulej" - *Filem* 16; *Rum* 3, 20).

**Ir-ruħ** (*psiké*) – il-ħajja kollha, il-persuna kollha. "Aħna għożżejniekom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju ta' Alla imma wkoll *ħajjitna stess* (*psikai*), daqskemm ħabbejniekom" (*1Tess* 2, 8). Epafroditu "ittarraf sal-mewt u kien għoddu miet biex jaħdem għal Kristu, u tarraf *ħajtu* (*psiké*) biex jagħmel tajjeb hu fejn naqset l-għajnuna tagħkom għalija" (*Fil* 2, 30) – ħajtu kollha fiżika jew naturali (l-ħajja f'din id-dinja) kienet fil-periklu, mhux "ruħu" biss.

*Psiké* hija l-persuna minn aspett partikulari: dak tal-bniedem li jaħseb, jaħdem, jemmen, jittama, jixtieq u jħoss. *Nous*, li tidħol ma' *psiké*, huwa l-persuna li jaħseb, li kapaċi jifhem.

Ir-ruħ, il-*Psiké*, ma tistax teżisti waħidha jekk mhux ħaġa waħda mal-ġisem. Ma nistax insum u nagħmel att tant tajjeb u li jfisser jekk ma jkunx ukoll il-ġisem dgħajjef tiegħi li jħoss il-ġuħ.

**L-ispirtu** (*pneuma*) – San Pawl ma jqisx l-ispirtu bħala xi spark divina (il-"Jien" veru) maqbuda fil-ġisem fiżiku. Il-persuna tiegħi (*my-self*) li, bħala spirtu, tesperjenza l-għaqda ma' Alla, hija realtà fiżika. Għal San Pawl, is-salvazzjoni tiġbor fiha kemm il-ġisem (*1Kor* 6, 12-20; 15) u kemm ir-ruħ (*1Kor* 5, 5 – "itilqu lil dan il-bniedem (inċest) f'idejn ix-Xitan għall-qerda ta' ġismu, biex ruħu tkun salva f'Jum il-Mulej").

"Iżda ma kellix mistrieħ f'qalbi (*pneuma*), għax ma stajtx insib lil ħija Titu: għalhekk sellimt lin-nies li joqogħdu hemmhekk u tlaqt lejn il-Maċedonja" (*2Kor* 2, 13);

"Meta morna l-Maċedonja, ma kellna ebda mistrieħ f'ġisimna (*sarks*), iżda taħbit f'kollox - taqbid minn barra u biża' minn ġewwa" (*2Kor* 7, 5).

Dan ifisser li l-ispirtu u l-ġisem ma tistax tibdilhom bejniethom: l-inkwiet u l-preokkupazzjoni "minn ġewwa" (*pneuma*) jaffettwaw il-bniedem "minn barra" (effetti psiko-somatiċi).

## Biblijografija

ALETTI Jean-Noël, *Lettera ai Colossesi* (= Scritti delle origini cristiane 12), Edizioni Dehoniane Bologna: Bologna 1994.

BERNARD Charles A., *San Paolo mistico e apostolo*, San Paolo: Cinisello Balsamo (MI) 2000.

BYRNE Brendan, *Romans* (= Sacra Pagina Series 6), editjat minn Daniel J. Harrington, Liturgical Press: Collegeville/MN 1996.

CASALINI Nello, *Le lettere di Paolo. Esposizione del loro sistema di teologia*, (= Studium Biblicum Franciscanum Analecta 54), Franciscan Printing Press: Gerusalemm 2001.

COLLINS Raymond F., *First Corinthians* (= Sacra Pagina Series 7), editjat minn Daniel J. Harrington, Liturgical Press: Collegeville/MN 1999.

DE GENNARO Giuseppe – SALZER Elisabetta C., *Esperienza mistica della trasformazione esistenziale*, fi *Letteratura mistica: Paolo mistico*, Libreria Editrice Vaticana: Belt tal-Vatikan 1999, pp. 409-558.

DUNN James D.G., *The Theology of Paul the Apostle*, T&T Clark: London 1998.

FITZMYER Joseph A., *Romans*, (= The Anchor Bible 33), Doubleday: New York 1993.

GIGLIOLI Alberto, *L'uomo e il creato? Ktisis in S. Paolo*, (= Collana Studi Biblici 21), Edizioni Dehoniane: Bologna 1994.

GLOER W. Hullitt, *An exegetical and theological study of Paul's understanding of new creation and reconciliation in 2Cor. 5:14-21*, Mellen Biblical Press: Leviston, New York 1996.

GORMAN Michael J., *Apostle of the Crucified Lord. A theological introduction to Paul and his letters*, Eerdmans: Grand Rapids/MI, 2004.

HUBBARD Moyer V., *New creation in Paul's Letters and thought*, Cambridge University Press: Cambridge 2002.

LAMBRECHT Jan, *Second Corinthians* (= Sacra Pagina Series 8), editjat minn Daniel J. Harrington, Liturgical Press: Collegeville/MN 1999.

MARTINI Carlo M., *Sul corpo*, Centro Ambrosiano: Milan 2000.

MARTYN J. Louis, *Galatians* (= The Anchor Bible 33A), Doubleday: New York 1998.

MATERA Frank J., *Galatians* (= Sacra Pagina Series 9), editjat minn Daniel J. Harrington, Liturgical Press: Collegeville/MN 1992.

MURPHY O'CONNOR Jerome, *Paul. His story*, Oxford University Press: Oxford 2004.



ORR William F. – WALTHER James A., *1 Corinthians* (= The Anchor Bible 32), Doubleday: New York 1976.

PENNA Romano, *Critologia adamica e ottimismo antropologico in 1Cor 15,45-49*, fi *L'apostolo Paolo. Studi di esegesi e teologia*, Edizioni Paoline: Milan 1991, pp. 240-268.

PENNA Romano, *Il problema della legge nelle lettere di san Paolo*, fi *L'apostolo Paolo. Studi di esegesi e teologia*, Edizioni Paoline: Milan 1991, pp. 496-518.

PENNA Romano, *Infrazione e ripresa del rapporto legge-sapienza in Paolo*, fi *L'apostolo Paolo. Studi di esegesi e teologia*, Edizioni Paoline: Milan 1991, pp. 519-549.

ROETZEL Calvin, *Paul: the man and the myth*, T&T Clark: Edinburgh 1997.

ROMANELLO Stefano, *Una legge buona ma impotente. Analisis retorica-letteraria di Rm 7,7-25 nel suo contesto* (= Supplementi alla Rivista Biblica 35), EDB: Bolgna 1999.

ROMANELLO Stefano, *Lettera agli Efesini* (= I libri Biblici, *Nuovo Testamento* 10), Paoline: Milan 2003.

STRACHAN ROBERT. H., *The Second Epistle of Paul to the Corinthians*: Hodder & Stoughton: Londra 1935.

WENHAM David, *Paul: follower of Jesus or founder of Christianity*, Eerdmans: Grand Rapids/MI 1995.

ZIESLER John, *Pauline Christianity* (= The Oxford Bible Series), Oxford University Press: Oxford 1990.